189. Fula f'qargħa.
190. Tala' d-demm għal rasu.
191. Ħobż u ġobon.
192. Ħobż u sikkina.
193. Xammha tinten.
194. Kisirlu għonqu.
195. Teħles b'wiċċ il-ġid.
196. Għandu wiċċ il-musbieħ.
197. Jagħmilha tajjeb.
198. Basta r-rota ddur.
199. Daħħal il-lifgħa f'kommtu.
200. Bejn in-nar u l-ilma.
201. Usalna f'xiħer it-tarf.
202. Bejn sema u ilma.
203. Moħħu jtih.
204. Mad-daqqa t'għajn.
205. Alla ma għamlu.
206. Ġieb għajnejh wara widnejh.
207. Ta' fommu sieket.
208. Wiċċu jtih.
209. Spallejh mal-ħajt.
210. Għadu żinżill.

V. M. B.

## IL-ĦRAFA TA' KIF IL-MEWT HIJA GĦAMJA U TRUXA

Il-Bambin bagħat il-Mewt għal waħida armla; meta marret (il-mewt) sabet lil din il-mara b'ħafna tfal iġebbdu ma' djulha li ma tafx fejn tagħti rasha bihom. Il-Mewt tħassrithom lil dawk it-tfal li ma jridux ħlief minn ommhom, u l-mara li kienet tinsab hekk imħabbta. Marret quddiem il-Bambin. Qaltlu:

—Uh, Mulej, kif tridni nġibha? Tħassart lilha u lit-tfal tagħha"

"Mur ġibli ċagħka minn nofs ta' baħar," qallha.

Meta ġibitlu ċ-ċagħka, qasamhielha; sab duda ġo fiha—qallha: "Dik imnejn hi tgħix?"

"Mill-ħniena tiegħek, ja Mulej"

"U hekk igħixu dawk mill-ħniena tiegħi kieku ġibt 'l ommhom."

Qalgħalha għajnejha u saddilha widnejha biex la tara u anqas tisma'.

V. M. B.

# KOTBA LI WASLULNA

**(STAMPATI BL-ALFABETT U BL-ORTOGRAFIJA TAGĦNA)**

M. Kissaun.—*Il-Ħajja tar-Re Ġorġ V. u tar-Reġina Marija* pp. 100 Empire Press, 1935.

Il-festi li Malta għamlet lir-Re u r-Reġina, egħluq il-25 sena tat-tlugħ tagħhom fis-saltna, kienu sbieħ kif sata' jara kulħadd. F'din l-okkażjoni l-lsien malti nsama' għal l-ewwel darba fuq ir-Radio, u f'dar il-Malti dwiet il-kelma maltija biex tifraħ u tixtieq għomor twil lis-slaten tagħha f'jum hekk sabiħ. F'din l istess okkażjoni, il-kitba maltija żdiedet b'daqsxejn ta' ktejjeb ta' 100 paġna bil-ġrajja kollha ta' ħajjet ir-Re Ġorġ V. u r-Reġina Marija—ktieb li xtered, jew għal l-inqas imissu jixtered, fid-djar kollha ta' Malta biex jibqa' tifkira tas-slaten maħbuba tagħha.

Din il-Ħajja ħadet il-premju fil-konkors li nieda l-Gvern għal daqshekk, u meta wieħed jaqra dan id-daqsxejn ta' ktejjeb isibha minsuġa tajjeb u ma jonqosha xejn. Il-ktieb hu mqassam tajjeb u stampat pulit fl-Empire Press u mżewwaq b'seba' stampi mill-ħajja tagħhom, il-biċċa l-kbira meħuda minn ritratti jew kwadri li għandhom x'jaqsmu ma' Malta.

* * *

G. Orlando.—*25 Tqabbila* pp. 24 Lux Press, 1935.

Is-sur Ġużè Orlando stampa, għax ma xtaqhomx jintilfu, 25 poeżija milli kiteb hu. Il-poeżija, kif qal hu, dejjem tfakkar lil min jiktibha f'ħafna mill-bċejjeċ ta' ħajtu, u, inżidu aħna, għal min jaqraha, dejjem fiha xi gost, xi ħlewwa, xi sengħa moħbija. Il-poeżijiet tas-sur Orlando fihom dik ix-xejra patrijottika, u meta wieħed jiftakar fliema żmien inkitbu jista' jżomm dan il-ktieb bħala tifkira.

* * *

Dun Alwig Galea.— *Ħajja ta' San Franġisk di Paola.* pp. 144 Lux Press, 1935.

Egħluq iċ-ċentinarju tat-twaqqif ta' l-Ordni tal-Minimi ta' dan il-Kbir Qaddis ta' Paola ħajjar lil xi ħadd mid-devoti